MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GINO CAMILLERI

Seduta tat-23 ta' Mejju, 2008

Citazzjoni Numru. 327/2000/1

**Carmel Mallia**

**vs**

**Mhmod Dabbus**

Il-Qorti

Rat ic-citazzjoni fejn l-attur ippremetta:-

Illi fil-21 ta' Ottubru 1999 ghal xit-8.15 a.m., waqt li l-attur kien qed isuq minibus Nru. GMY 071, propjeta' tieghu, go Triq Imdawwra, in-Naxxar, din sfat involuta f'incident awtomobilistiku mal-car Isuzu Nru. CAA 147 misjuqa mill-konvenut (Dok. 1);

Illi bhala konsegwenza ta' dan l-incident, l-attur garrab danni ammontanti ghal elf sitt mija u tmienja u ghoxrin lira tlieta u hamsin centezmu (Lm1628.53) [Dok. 2 sa Dok. 10];

Illi ghall-incident u konsegwenzjali danni kien jahti unikament il-konvenut minhabba imprudenza, imperizja, negligenza u inosservanza tar-regolamenti;

Illi l-konvenut, interpellat biex jaghmel tajjeb ghad-danni subiti mill-attur, baqa' inadempjenti;

Ghallhekk l-attur talab li l-konvenut jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:-

1. tiddikjarah unikament responsabbli ghall-incident awtomobilistiku fuq riferit u ghad-danni kollha li b'konsegwenza ta' l-istess garrab l-attur;

2. tillikwida d-danni ta' l-attur fl-ammont ta' elf sitt mija u tmienja u ghoxrin lira tlieta u hamsin centezmu (Lm1628.53) jew ammont verjuri occorrendo bl-opra ta' periti nominandi; u

3. tikkundannah ihallas lill-attur is-somma ta' elf sitt mija tmienja u ghoxrin lira tlieta u hamsin centezmu (Lm1628.53) jew dak l-ammont li jigi dikjarat bhala dovut minnu in linea ta' danni;

Bl-ispejjez, komprizi dawk ta' l-ittra interpellatorja tad-29 ta' Novembru, 1999, dawk ta' l-ittra ufficjali ta' l-4 ta' Frar 2000, u dawk ta' l-ittra ufficjali pprezentata kontestwalment ma' dan l-att ghan-notifika ta' l-assikurazzjoni tal-konvenut bl-odjerni proceduri, u bl-imghax legali mill-4 ta' Frar 2000, kontra l-konvenut li gie ukoll ingunt ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-attur debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda tieghu;.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn gie eccepit illi t-talbiet attrici ghandhom jigu respinti bl-ispejjez, stante

li l-incident tat-traffiku li sehh fil-21 t'Ottubru 1999 fin-Naxxar bejn il-kontendenti ma' garax tort u htija tieghu, izda gara unikament tort u htija ta' l-attur u illi stante li dan l-incident ma garax tort u htija ta' l-eccipjenti, l-ebda ammont ma huwa dovut lill-attur in linea ta' danni, liema danni kif mitluba, huma f'kwalunkwe kaz ezagerati;

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut debitament konferemata bil-gurament u l-lista tax-xhieda tieghu;

Semghet lill-attur u lix-xhieda minnu prodotti;

Rat l-affidavit tal-konvenut u l-affidavit ta' Mohammed Swilew presentat mill-istess konvenut;

Rat in-nota tal-attur tal-25 ta' Frar 2002 li biha l-istess attur irriduca it-talba tieghu ghal elf hames mija u tliet liri wiehed u erbghin centezmu (Lm1503.41);

Semghet lill-konvenut u lix-xhud tal-istess konvenut in kontro-esami;

Semghet it-trattazzjoni orali tad-difensuri tal-partijiet;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Rat li l-kawza giet differita ghas-sentenza;

Ikkonsidrat:

Mill-provi jirrizulta li fil-21 ta' Ottubru 1999 ghal xit-8.15 a.m., sehh incident stradali go Triq Imdawwra n-Naxxar. Involuti f'dan l-incident kien hemm l-attur li kien qed isuq minibus, prpprjeta tieghu, numru ta' registrazzjoni GMY 071 u l-konvenut li kien qed isuq karozza tal-marka Isuzu numru ta' registrazzjoni CAA 147. L-attur fic-citazzjoni jallega li dan l-incident sehh tort unikament tal-konvenut u li huwa sofra danni konsegwenzjali ammontani ghal elf sitt mija u tmienja u ghoxrin lira tlieta u hamsin centezmu (Lm1628.53);

Ghallhekk l-attur qed jitlob li l-konvenut jigi dikjarat unikament responsabbli ghall-incident awtomobilistiku in kwestjoni u ghad-danni konsekwenzjali. Qed jitlob ukoll li dawn id-danni jigu likwidati fis-somma ta' elf sitt mija u tmienja u ghoxrin lira tlieta u hamsin centezmu (Lm1628.53) u li l-konvenut jigi kundannat ihallas din is-somma in linea ta' danni. Ghandu jigi rilevat li bl-imsemmija nota tal-25 ta' Frar 2002 l-attur irreducja t-talba ghas-somma ta' Lm1503.41;

Il-konvenut qed jeccepixxi li l-incident in kwestjoni sehh unikament b'tort u htija ta' l-attur u ghalhekk l-ebda mmont ma huwa dovut lill-attur in linea ta' danni, liema danni, kif mitluba, huma f'kwalunkwe kaz ezagerati;

Bhal ma jigri f'kwazi kull kaz li jinvolvi incident strdali z-zewg partijiet jghatu verzjoni differenti u kontrastanti kif sehh l-incident in kwestjoni. F'dan il-kaz l-attur jghid li li huwa kien ghaddej fit-triq in kwestjoni gej minn-naha ta' Burmarrad. Huwa qal li ra l-karozza misjuqa mill-konvenut gejja mid-direzzjoni opposta u ghalhekk u rass mal-hajt fuq il-lemin tieghu u waqqaf il-mini-bus. Il-konvenut pero' baqa gej u laqat il-mini-bius tal-attur u wara kompla diehel fil-hajt. L-attur jghid li l-konvenut laqtu fuq il-bieba tieghu u wara baqa jitkaxkar san-naha ta' wara tal-mini-van u eventwlment baqa diehel fil-hajt;

Il-konvenut ikkonferma li li kien sejjer fid-direzzjoni ta' Burmarrad u mieghu kellu passiggier cioe' lil Mohammed Swilew. Huwa qal li kien ghaddej fuq in-naha tieghu tat-triq. Il-konvebnut jghid li ra lill-attur ghaddej fil-parti d-dejqa tat-triq u f'nofs l-istess triq. Ghalhekk huwa beda jsuq b'velocita baxxa pero' l-attur baqa gej b'velocita ftit gholja u kif wasal hdejn il-vettura tal-konvenut habat ma din il-vettura u tefghu mal-hajt fuq ix-xellug tat-triq. Huwa jghid li l-habta sehhet fuq in-naha tat-triq tieghu. Huwa jghid li l-kawza principali kienet il-velocita' li biha kien ghaddej l-attur. Huwa jghid ukoll li wara l-habta l-attur baqa sejjer pero waqaf ftit 'il fuq minn fejn saret il-habta;

Mill-kumpless tal-provi prodotti il-versjoni tal-attur hi aktar verosimili u hi aktar kredibbli. Difatti jidher anke mill-iskizz

a fol 7 li l-mini bus tal-attur kienet wieqfa meta sehhet il-habta. Is-Surgrent tal-pulizija li mar jinvestiga l-kollizzjoni xehed li t-tyre mark li hemm indikat fl-iskizz u li jinsab vicin il-vettura tal-attur kien jidher li huwa tyre mark li kien maghmul mill-vettura l-ohra, cioe mill-vettura tal-konvenut. Inoltre mid-debris li hu konsegwenza tal-habta instab hdejn dan it-tyre mark cioe' taht fejn kien hemm il-habta fuq il-mini-bus. Barra minn hekk il-konvenut ikkonferma x'kienet il-velocita' tieghu u dan jindika li l-istess konvenut kien qed isuq b'velocita aktar milli jmissu fic-cirkostanzi li kien fihom;

In vista ta' dan kollu jirrizulta li l-incident in kwestjonbi sehh unikament tort u htija tal-konvenut li ghandu ukoll jigi ritenut responsabbli ghad-danni li sofra l-istess attur fil-mini-bus tieghu. F'dan ir-rigward jirrizulta li l-konveut kien ghaddej ghal nofs it-triq u kien gej b'velocita eccessiva ghal cirkostanzi li kien jinsab fihom. Ma tirrizulta ebda htija minn naha tal-attur li jidher li kien wieqaf meta sehhet il-habta;

Il-konvenut fl-eccezzjonijiet tieghu jaccenna li d-danni kif mitluba huma esagerati. In effett l-attur irreducja t-talba tieghu u ma saret ebda kontestazzjoni ohra dwar l-ammont tal-hsarat minn naha tal-konvenut.

Ghalhekk id-danni ghandhom jigu likwidati fis-somma ta' elf hames mija u tliet liri wiehed u erbghin centezmu (Lm1503.41). Inoltre f'dan ir-rigward l-attur xehed li qabel ma sewwa d-daqqiet il-vettura tieghu kienet giet esaminata minn surveyor mibghut mill-assikurazzjoni tal-konvenut u li huwa sewwa l-hsarat skond dan is-survey. F'dan l-attur bl-ebda mod ma gie kontradett;

Ghall dawn ir-ragunijiet kollha l-eccezzjonijiet tal-konvenut tghandhom jigu rigettatati u fl-istess hin it-talbiet attrici kif ridotti ghandhom jigu akkolti;

Ghall dawn ir-ragunijiet:

Tiddeciedi billi fl-ewwel lok tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenut u fit-tieni lok billi tilqa t-talbiet kollha tal-attur

kif ridotti u b'hekk tiddikjara lill konvenut unikament responsabbli ghall-incident awtomobilistiku in kwestjoni u ghad-danni kollha li b'konsegwenza garrab l-attur, tillikwida d-danni ta' l-attur fl-ammont ta' tlett elef, hames mija u zewg Ewro (€3502.00), ekwivalenti ghal elf hames mija u tliet liri wiehed u erbghin centezmu (Lm1503.41) u tikkundanna l-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta' €3502 ekwivalenti ghal Lm1503.41 in linea ta' danni u dana bl-imghaxijiet kollha legali mid-data tan-notifika ta' din ic-citazzjoni lill-konvenut sad-data tal-effettiv pagament;

Spejjez kollha kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------